31995R1565

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1565/95
tat-30 Ġunju 1995
li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2248/94 li jdaħħal sorveljanza retrospettiva tal-Komunità għall-importazzjoni ta' ċerti ħbula ħoxnin ta' l-azzar li joriġinaw f'pajjiżi mhux membri

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3285/94 tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 5184/94 [1], u partikolarment l-Artikolu 11(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 519/94 tas-7 ta' Marzu 1994 dwar ir-regoli komuni għal importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 1765/82, (KEE) Nru 1766/82 u (KEE) Nru 3420/83 [2], kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 839/95 [3], u partikolarment l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2248/94 [4] introduċa sorveljanza retrospettiva tal-Komunità fuq l-importazzjopni lejn il-Komunità ta' *wire* tas-swiegel, ħbula, ħbula ħoxnin, ċineg tar-trizza, taljoli u dik ix-xorta, tal-ħadid jew ta' l-azzar, mhux iżolati mill-elettriku, li joriġinaw f'pajjiżi mhux membri u li jaqgħu taħt il-kodiċi tan-NM 7312 10 91, 7312 10 95 u 7312 10 99;

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 3115/94 [5] bidel il-kodiċi tan-NM 7312 10 91 bil-kodiċi 7312 10 82 u l-kodiċi tan-NM 7312 10 95 bil-kodiċi 7312 10 84, 7312 10 86 u 7312 10 88;

Billi l-kodiċi tan-nomenklatura magħquda li jirreferu għall-prodotti suġġetti għas-sorveljanza retrospettiva tal-Komunità taħt ir-Regolament (KE) Nru 2248/94 għandhom ikunu emendati skond dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 2248/94, il-fraži "kodiċi tan-NM 7312 10 91, 7312 10 95 u 7312 10 99" għandha tinbidel bi "kodiċi tan-NM 7312 10 82, 7312 10 84, 7312 10 86, 7312 10 88 u 7312 10 99".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet ġurnata ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, it-30 ta' Ġunju 1995.

Għall-Kummissjoni

Leon BRITTAN

Viċi-President

---

(1) ĠU L 349, 31. 12, 1994, p. 53.
(2) ĠU L 67, 10. 3, 1994, p. 89.
(3) ĠU L 85, 19. 4, 1995, p. 9.
(4) ĠU L 242, 17. 9, 1994, p. 5.
(5) ĠU L 345, 31. 12, 1994, p. 1.